**11 ta' Diċembru, 1985**

**Imħallef:-**

**Onor. Joseph D. Camilleri B.B., LL.D.**

Joseph M. Formosa *noe*

*versus*

Carol Peralta *noe et*

## Garanzija - Nullità - Nuqqas ta' Firma tal-Kreditur

*Meta skrittura li tikkontjeni garanzija 'in solidum' tiġi ffirmata mill-partijiet illi assumew l-obbligazzjoni tal-garanzija, dawn l-istess obbligazzjonijiet huma kollha validi.*

*Il-firma tal-parti li għaf-favur tagħha tkun saret il-garanzija m'hijiex meħtieġa għall-validità ta' l-istess skrittura jekk dik il-parti ma tkunx assumiet ebda obbligu fl-imsemmija skrittura.*

Il-Qorti:-

Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur *nomine*, ppremetta illi b'kuntratt ippubblikat min-Nutar Francis Micallef fl-4 ta' Diċembru, 1972, l-attur *nomine* silef lil Carol Peralta bħala likwidatur tas-soċjetà kummerċjali '*Hage Village Company Limited*' l-ammont ta' tnejn u tletin elf lira maltin (Lm32,000.00,0) bit-termini u l-kondizzjonijiet hemm imsemmija, u ammont ieħor ta' ħmistax-il elf lira maltin (Lm15,000.00,0) taħt it-termini u l-kondizzjonijiet hemm imsemmija; u peress li mill-ewwel ammont misluf, u ċjoè dak ta' tnejn u tletin elf lira maltin (Lm32,000.00,0) l-attur *nomine* għad fadallu jitħallas mingħand il-konvenut *nomine* s-somma ta' wieħed u tletin elf, sitt mija u sebgħin lira maltin, tmienja u ħamsin ċenteżmu u żewġ millezmi (Lm32,670.58,2) bilanċċ għad-debitu fil-'*loan account*' tas-soċjetà kummerċjali '*Hage Village Company Limited*' mal-*Bank of Valletta Limited* - salvi mgħaxijiet ulterjuri mis-17 ta' Marzu, 1982 sad-data tal-effettiv pagament; u peress illi mit-tieni ammont misluf u cjoè dak ta' ħmistax-il elf lira maltin (Lm15,000.00,0), il-konvenut Carol Peralta bħala likwidatur tas-soċjetà

kummerċjali '*Hage Village Company Limited*' ġibed biss l-ammont ta' għaxart elef, erba' mija u tnejn u għoxrin lira maltin u ħamsa u għoxrin ċenteżmu (Lm10,422.25,0) li minnhom għad fadallu jħallas lill-attur *nomine* s-somma ta' erbat elef, tlett mija, sitta u għoxrin lira maltin, disa' u erbgħin ċenteżmu u ħames millleżmi (Lm4,326.49,5), bilanċċ għad-debitu fil-'*loan account*' tas-soċjetà kummerċjali '*Hage Village Company Limited*' mal-*Bank of Valletta Limited*, salvi mgħaxijiet ulterjuri mis-17 ta' Marzu, 1982 sad-data tal-effettiv pagament; u peress illi għaddew aktar minn tlett snin minn meta l-imsemmi kuntratt tal-4 ta' Diċembru, 1972 seta' jiġi esegwit; u peress li b'diversi skritturi privati u datati 4 ta' Diċembru, 1972, Carol Peralta bħala likwidatur tas-soċjetà kummerċjali '*C.I.L. Limited*', Philip Oreste Gatt, bħala direttur għan-nom u in rappresentanza tas-soċjetà kummerċjali *Blu Mar Limited* u Dottor Philip Attard Montalto bħala direttur għan-nom u in rappresentanza tas-Soċjetà kummerċjali '*P.A.M. Limited*' iggarantew *in solidum* mad-debitur prinċipali '*Hage Village Company Limited*' għaf-favur ta' l-attur *nomine*, id-debiti fuq iż-żewġ *loan accounts* li s-soċjetà kummerċjali '*Hage Village Company Limited*' għandha jew jista' jkollha ma' l-attur *nomine*; u peress li l-konvenuti nomine ġew interpellati permezz ta' ittri uffiċjali, sabiex iħallsu d-dejn fuq imsemmi, iżda baqgħu inadempjenti; imbagħad l-istess attur talab li fil-konfront tal-konvenut Carol Peralta, bħala likwidatur tas-soċjetà kummerċjali '*Hage Village Company Limited*' għandha tagħti dan l-ammont lill-attur *nomine*: (1) li din il-Qorti tawtorizza lill-attur nomine għar-raġunijiet fuq imsemmija li jesegwixxi l-imsemmi kuntratt ippubblikat min Nutar Francis Micallef fl-4 ta' Diċembru, 1972 sabiex jottjeni l-pagament ta' ħamsa u tletin elf, disa' mija u seba' u disgħin lira maltin, seba' ċenteżmi u seba' milleżmi (Lm35,997.07,7) bilanċċ għad-

debitu f'żewġ '*loan accounts*' tas-soċjetà kummerċjali '*Hage Village Company Limited*' mal-*Bank of Valletta Limited* - salvi mgħaxijiet ulterjuri mis-17 ta' Marzu, 1982 sad-data tal-effettiv pagament; u l-istess attur *nomine* talab ukoll li fil-kontront tal-konvenuti Carol Peralta bħala likwidatur tas-soċjetà kummerċjali 'C.I.L. Limited', Philip Oreste Gatt bħala direttur għan-nom u in reppresentanza tas-soċjetà kummerċjali '*Blu Mar Limited*', u Dottor Philip Attard Montalto bħala direttur għan-nom u in rappresentanza tas-soċjetà kummerċjali *P.A.M. Limited:* (2) li din il-Qorti tikkundanna lill-istess konvenuti *in solidum* mad-debitur prinċipali Carol Peralta bħala likwidatur tas-Soċjetà kummerċjali ' *Hage Village Company Limited*' iħallsu lill-attur *nomine* s-somma ta' ħamsa u tletin elf, disa' mija u seba' u disgħin lira maltin, seba' ċenteżmi u seba' milleżmi (Lm35,997.07,7) bilanċċ għad-debitu f'żewġ '*loan accounts*' tas-soċjetà kummerċjali '*Hage Village Company Limited*' mal-*Bank of Valletta Limited,* prevja okkorrendo d-dikjarazzjoni illi l-imsemmija soċjetà kummerċjali '*Hage Village Company Limited*' għandha tagħti dan l-ammont lill-attur *nomine*, u salvi mgħaxijiet ulterjuri mis-17 ta' Marzu, 1982 sad-data tal-effettiv pagament, u dana għab-bażi tal-garanzija mogħtija minnhom *nomine* għaf-favur ta' l-attur *nomine* fl-4 ta' Diċembru, 1972 kif fuq ingħad; bl-ispejjes kompriżi dawk tal-ittri uffiċjali u l-imgħaxijiet ulterjuri mis-17 ta' Marzu, 1982 sad-data tal-effettiv pagament fuq iż-żewġ '*loan accounts*' kontra l-konvenuti *nomine*;

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur *nomine*, il-lista tax-xhieda tiegħu kif ukoll id-dokumenti li l-attur *nomine* esebixxa mal-att taċ-ċitazzjoni;

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet tal-konvenut Carol Peralta

bħala likwidatur tas-soċjetà '*Hage Village Company Limited*' ġja '*Xlendi Bay Gardens Limited*' li biha eċċepixxa: illi t-talba attriċi ma tistax tiġi milqugħa stante illi s-soċjetà konvenuta tinsab fi stat li m'hemm ebda assi fil-pussess tagħha sabiex titħallas il-pretensjoni tas-soċjetà attriċi - salvi eċċezzjonijiet oħra;

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet tal-konvenut Carol Peralta bħala likwidatur tas-soċjetà '*C.I.L. Limited*' *gà Adrian Busietta Limited* li biha eċċepixxa:

Illi l-garanzija fuqhiex hija fondata l-pretensjoni tas-soċjetà attriċi m'hiex valida fil-liġi stante illi ma ġewx osservati il-formalitajiet rikjesti mill-istess liġi għall-validità tagħha - salvi eċċezzjonijiet oħra;

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet tal-konvenut Philip Oreste Gatt *nomine* li biha eċċepixxa:

Illi l-garanzija li skond l-attur *nomine* ġew mogħtija mill-eċċepjent mhumiex validi u legali u għalhekk mhux esegwibbli, għaldaqstant it-talba ta' l-attur *nomine*, fil-konfront ta' l-eċċipjent għandha tiġi respinta;

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet tal-konvenut Dottor Philip Attard Montalto *nomine* li biha eċċepixxa:

In-nullità ta' l-allegata garanzija magħmula bl-iskrittura tal-4 ta' Diċembru, 1972;

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-istess konvenuti kollha, kif

ukoll il-lista tax-xhieda tagħhom;

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, u semgħet lid-difensuri;

Ikkunsidrat:

Illi mill-atti proċesswali jirriżulta li b'att ippubblikat min-Nutar Francis Micallet fl-4 ta' Diċembru, 1972, il-Bank attur silef lis-soċjetà '*Xlendi Bay Gardens Limited*' is-somma ta' Lm32,000.00,0 biex tinxtara l-art imsemmija fl-istess att u bil-kondizzjonijiet l-oħra imsemmija fl-istess att. Bl-istess kuntratt l-attur silef somma oħra ta' Lm15,000.00,0 lill-istess soċjetà biex din tkun tista tibni fuq l-art imsemmija - '*which sum shall be withdrawable in one amount or in several amounts provided that the total of drawings shall never exceed the said loan of Lm15,000*' u bit-termini u l-kondizzjonijiet l-oħra imsemmija fl-istess kuntratt;

Illi jidher ukoll li s-soċjetà '*Xlendi Bay Gardens Limited*' fetħet żewġ '*loan accounts*' mal-Bank attur in konnessjoni ma' l-istess somom mislufa;

Illi jidher ukoll illi fl-istess data cjoè fl-4 ta' Diċembru, 1972 ġew redatti sitt skritturi privati li a bażi tagħhom il-Bank attur jippretendi li jingħata garanzija solidali mad-debitur prinċipali għar-rifużjoni tad-debiti fuq l-imsemmija żewġ *loan accounts.* Jirriżulta li żewġ skritturi minn dawn huma ffirmati minn rappreżentanta tas-soċjetà '*Adrian Busietta Ltd.*', tnejn oħra mir-rappresentanti tas-soċjetà '*Real Estate (Malta) Ltd*' u tnejn oħra mir-rappresentant tas-soċjetà '*P.A.M. (Malta) Ltd.*';

Illi l-imsemmija skritturi huma redatti fuq formula stampata intestata '*Personal Guarantee*' u taħt din l-intestatur hemm stampat '*Tagliaferro Bank Ltd*'. Fihom, ***inter alia*** jingħad:

'*In consideration of your giving banking facilities and accommodation to Xlendi Bay Gardens Limited, hereinafter referred to as 'the Principals', we, the undersigned,* (u hawn tniżżel l-isem ta' l-imsemmija soċjetajiet konvenuti separatament) *herby, jointly and severally, give this personal guarantee to you. We guarantee you the repayment of the facility given to the Principals, and undertake on demand in writing made on the undersigned, or on any one or more of the undersigned by you to pay to you all sums of money which may now be or which hereafter may from time to time become due;'*

Illi l-istess skritturi ma humiex ffirmati minn ebda rappreżentant tal-Bank u l-konvenuti indikati fit-tieni talba attriċi fiċ-ċitazzjoni qegħdin jallegaw, bl-eċċezzjonijiet rispettivi li taw, li l-istess garanziji ma humiex validi għax ma ġewx ffirmati mill-persuni kollha interessati u dana *a tenur* tal-artikolu 1277 (1) u (2) tal-Kodiċi Civili;

Illi id-difensur ta' l-attur irrifera għas-sentenza mogħtija minn din il-Qorti fis-27 ta' Novembru, 1974, fil-kawża, fl-ismijiet 'Oreste Brincat *nomine* - *vs* - Perit Arkitett Carmelo Falzon *et proprio et nomine*';

Illi din il-Qorti, wara li ikkunsidrat sewwa s-sottomissjonijiet tal-avukat, waslet għall-konkluzjoni:

(1) li l-imsemmija skritturi huma formulati bħala dikjarazzjoni indirizzata lil-Bank;

(2) *li fihom il-Bank ma* assuma l-ebda obbligu;

(3) li bihom it-tlett soċjetajiet konvenuti imsemmija taw garanzija lil-Bank li jagħmlu tajjeb għar-rifużjoni tal-faċilitajiet bankarji li l-Bank attur kien sejjer jagħti lis-soċjetà '*Xlendi Bay Gardens Limited* sal-limitu indikat fl-istess skritturi;

(4) *li l-Bank*, aċċetta *il-garanzija* imsemmija għaliex kien proprju fl-istess okkazzjoni li sar is-self tas-sommom imsemmija mill-Bank Attur lis-soċjetà *Xlendi Bay Gardens Limited*.

Illi fil-fehma konsiderata tal-Qorti, la darba l-iskritturi ġew debitament ffirmati mir-rappresentanti tas-soċjetajiet li assumew l-obbligazzjoni tal-garanzija imsemmija, dawn l-istess obbligazzjonijiet huma kollha validi, peress li il-firma tar-rappresentant tal-Bank attur ma kinitx meħtieġa stante li l-istess Bank ma kien assuma l-ebda obbligu fl-istess skrittura;

Illi din il-Qorti, diversament presjeduta kellha okkażżjoni tiddeċidi eċċezzjoni simili fil-kawża 'Brincat *vs* Falzon' ċitata mid-difensur ta' l-attur u l-Qorti kienet irrispinġiet tali eċċezzjoni u kienet iddikjarat li l-iskrittura imsemmija f'dik il-kawża kienet skrittura ta' garanzija kif tirrikjedi l-liġi nonostante li ma ġietx ffirmata mill-Bank;

Illi din il-Qorti ġiet informata li l-imsemmija kawża għadha pendenti quddiem l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell però

quddiem din il-Qorti ma tressqu ebda argumenti konvinċenti biex din il-Qorti ma ssegwix l-istess sentenza;

Illi din il-Qorti ma għandhiex għalfejn toqgħod tirrepeti l-konsiderazzjonijiet hemm magħmula u għalhekkk għall-istess raġunijiet u motivazzjonijiet mogħtija fl-imsemmija sentenza li għaliha qegħdha ssir riferenza, tirrispinġi l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti dwar in-nullità ta' l-iskritturi tal-garanzija imsemmija;

Fiċ-ċirkostanzi, l-ispejjeż ta' din id-deċizjoni jibqgħu bla taxxa bejn il-kontendenti - b'dana però li d-dritt tar-Reġistru għandu jitħallas mill-konvenuti li taw l-istess eċċezzjoni;

Il-kawża tibqa' differita għall-kontinwazzjoni in difett ta' ostakolu għas-seduta tal-14 ta' Marzu, 1986.